**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum **l-Erbgha 23 ta' Jannar, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs.**

**Geoffrey Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Geoffrey Azzopardi ta' 22 sena bin Christopher u Maria nee' Zerafa imwieled fis-27 ta' Marzu 1985 u residenti fi 237, Triq Sammat, Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 191485M;

Akkuzat talli:

Fil-5 ta' Novembru, 2007, ghall-habta ta' 8.15 a.m., fi Triq Santa Marija, Tarxien, saq vettura Nru. EAN-986

(1) B'manjiera traskurata

(2) Perikoluza

(3) U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Antonia Cassar skond kif iccertifika Dr Kevin Gatt M.D. ta' M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fit-12 ta' Jannar 2015, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

- Fl-Artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 226(1)(a) b'referenza ghall-Artikolu 218(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita ta' dak li qal l-Imputat lill-Pulizija*

Fil-kaz odjern, l-imputat ma giex formalment interrogat mill-Pulizija, izda hu tkellem ma zewg Pulizija, l-ewwel wiehed Andrew Cassar li kien stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal-Tarxien li tigi ftit metri l-boghod minn fejn sar l-incident, u l-iehor PS1495 Joseph Muscat li gie msejjah biex jinvestiga l-incident. Ghalkemm id-difiza ma qajmet l-ebda kwistjoni dwar dan,

din il-Qorti thossha fid-dover li tissolleva l-kwistjoni jekk ghandhix tiskarta dak kollu li l-imputat qal lil dawn iz-zewg ufficcjali tal-Pulizija *a tempo vergine* meta waslu fuq il-post, stante li ma jirrizultax li qabel kellmuh dwar l-akkadut l-imputat inghata l-*caution* u dak iz-zmien il-ligi Maltija ma kienitx tippermetti li suspettat jikkonsulta avukat qabel jigi interrogat, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Meta wiehed iqis id-dinamika tal-incident *de quo*, fejn kien hemm suspett serju li l-imputat laqghat lill-parte civile Antonia Cassar bil-vettura tieghu u kkagunalha griehi, kien pjuttost ovvju li kienu se jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputat. F'incident bhal dan, l-imputat ma kienx semplici xhud imma suspettat, u ghalhekk kellhom jiskattaw dawk id-disposizzjonijiet legali li jiggarantixxu lill-imputat id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li irriteniet din il-Qorti, diversament preseduta,[1] fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marlon Camilleri**, deciza fit-8 ta' Jannar 2019, li fic-cirkostanzi ma hemm xejn li jiddistingwi stqarrija rrilaxxata gewwa Ghassa jew f'xi ufficcju ta' spettur minn dikjarazzjonijiet li jsiru fit-triq. Konsegwentement, il-Pulizija Ezekuttiva ghandha tassigura li f'kazijiet ta' incidenti stradali, appena jinbet suspett li persuna involuta f'incident stradali tista' tispicca akkuzata b'dak is-sinistru – fatt skontat, tenut kont li wara incident stradali dejjem jitressqu persuni l-Qorti, iktar u iktar meta ghandek xufier wiehed involut – din ghandha tigi mgharrfa immedjatament bid-drittijiet taghha qabel ma tigi mitluba taghti l-verzjoni taghha dwar is-sinistru, irrispettivament mid-diffikultajiet li dan jista' johloq minn kull aspett.

Pero fil-kaz odjern, meta id-difiza kienet qed taghmel il-kontro-ezami tal-ufficjal tal-Pulizija Andrew Cassar, kien l-abbli difensur tal-imputat stess li beda jsaqsi lil Cassar dwar il-verzjoni li tah l-imputat dwar kif u ghaliex sehh dan l-incident. Ladarba fil-kaz odjern, id-difiza stess ghamlet domandi fuq dak li qal l-imputat *a tempo vergine* lil Ufficjal tal-Pulizija, din il-Qorti ma thossx li ghandha tiskarta dak li qal l-imputat lil dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija, minkejja li ma nghatax il-*caution* u lanqas inghata d-dritt li jikkonsulta avukat.

[1] *Per* Magistrat Donatella Frendo Dimech

*Il-Meritu*

Ghalkemm hemm konflitt fix-xhieda bejn il-parte civile u x-xhud okulari Gemma Darmanin, mill-assjem tal-provi, u partikolarment mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija PS1495 Joseph Muscat u Andrew Cassar, il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu EAN-986 huwa laqghat lil Antonia Cassar waqt li din kienet qed taqsam it-triq u kkagunalha griehi gravi.

Huwa vera li Antonia Cassar ma gharfitx lill-imputat u xehdet li hi kienet fuq il-bankina se tinzel biex taqsam it-triq, l-imputat, bil-vettura tieghu, gibdilha l-basket, tefaghha fuq il-bonnet u dahlet taht il-vettura – verzjoni tal-incident li ma hix verosimili, stante li mill-provi jirrizulta ampjament li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bil-mod, u fl-ebda hin ma tilef il-kontroll tal-vettura. Pero wiehed irid jikkunsidra li meta gara l-incident, Antonia Cassar kellha 68 sena, u xehdet kwazi seba' (7) snin wara l-incident – u ghalhekk il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-eta tax-xhud, u t-trapass konsiderevoli taz-zmien li ghadda mid-data tal-incident ghad-data li fiha xehdet.

L-unika xhud okulari indipendenti tal-incident, Gemma Darmanin, li kienet qed tbiegh il-hut fejn gara l-incident, xehdet li hija semghet id-daqqa tal-karozza, harset u rat lill-parte civile mal-art. Hi tat verzjonijiet differenti ta' fejn kienet il-parte civile u jekk hija ratx il-vettura tal-imputat gejja, u mix-xhieda taghha hija ovvja li hija kienet riluttanti biex tixhed, u fil-fatt il-Qorti tqis li x-xhieda taghha m'hix wahda veritiera.

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-versjoni attendibbli u verosimili hi dik li l-istess Gemma Darmanin tat lil PS 1495 Joseph Muscat fejn kemm fix-xhieda tieghu, kif ukoll fir-rapport tal-Pulizija qal li Gemma Darmanin qaltlu li *"rat lil Tonina Cassar taqsam minn fuq il-bankina ta' Triq Santa Marija kantuniera ma Triq il-Blata. Rat ukoll vettura bin-numru EAN 986 gejja bil-mod hafna lejn id-direzzjoni tal-anzjana u din laqtet naqra lill-anzjana, bil-konsegwenza li din waqghet mal-art."*[2] PS 1495 Joseph Muscat kien iktar preciz fix-xhieda tieghu u qal *"Proprja propja qaltli wkoll li qisha l-vettura mhux tajritha. Il-vettura imbuttata"*.

[2] Ara fol. 22 tal-process.

Andrew Cassar li kien l-ewwel ufficjal tal-Pulizija li wasal fejn sar l-incident jghid li meta wasal fuq il-post jahseb li lil Antonia Cassar kienu diga caqilquha minn fejn waqghet, ghax il-karozza kienet vicin u hi ma kienitx quddiem il-karozza, izda bil-qieghda magenb il-karozza. Huwa gharaf lill-imputat bhala x-xufier tal-vettura li kien hemm wieqfa, u kien barra l-vettura.

PS1495 Joseph Muscat wasal fuq il-post tal-incident ftit minuti wara Andrew Cassar.

Pero il-fatt li gie ppruvat li sehh dan l-incident m'hux fih innifsu prova li l-imputat kien qed isuq b'mod negligenti. Jekk l-imputat jipprova sal-grad tal-probabbli li hu ma laqatx lill-parte civile bi htija tieghu, izda accidentalment, u li hu ghamel dak li seta' fic-cirkostanzi biex jevita tali incidenti, allura tigi eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilita kriminali. (ara b'analogija is-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Caruana** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] fit-3 ta' April 2003.

Issa iz-zewg ufficjali tal-Pulizija xehdu li dak il-hin tal-incident l-art kienet imxarrba, probabbilment bin-nida u t-tnejn li huma ma kkonstatawx brakemarks fuq il-post. Fuq domanda tad-difiza Andrew Cassar qal li l-imputat spjegalu li x-xemx giet f'ghajnejh u ma setghax jara hu u jdur mat-triq – ghax fit-triq hemm kurvatura. Fix-xhieda tieghu Andrew Cassar qal li hu ikkonstata li vera dak il-hin ix-xemx kienet tigi f'ghajnejn ix-xufier, ghax anke t-triq kienet tirrifletti x-xemx.

PS 1495 Joseph Muscat ukoll xehed li waqt it-tlugh ix-xemx f'certu hinijiet tal-gurnata, il-vizjoni tas-sewwieq li jkun qed isuq f'dik it-triq tkun imtellfa serjament ghax x-xemx titla' minn faccata. Mill-istharrig li ghamel dak in-nhar stess fuq il-post, hu ikkonstata li l-incident sehh f'dawk il-hinijiet partikolari. Hu xehed ukoll ma kienx hemm brakemarks u li rrizultalu li fil-hin tal-habta l-vettura kienet kwazi waqfet peress li ma kien hemm l-ebda ghafsa jew hsara fuq quddiem tal-vettura. Hu zied jghid li dan huwa konfermat b'dak li qaltlu Gemma Darmanin, u cioe li l-vettura kemm misset naqra lill-parte civile, u din tfixklet u waqghet. Huwa xehed ukoll li l-parte civile ntlaqtet bin-naha ta' quddiem tal-vettura. L-imputat ukoll haduh il-klinika ta' Rahal Gdid ghaliex kien qed ibati minn qatgha kbira.

[3] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

Fir-rapport tieghu u fl-affidavit tieghu, li qrah waqt ix-xhieda tieghu, PS 1495 Joseph Muscat qal li l-imputat qallu li kien qed isuq minn Triq Santa Marija u kif gie faccata tal-Ghassa, ma setghax jara jsuq minhabba raggi tax-xemx li bdew jirriflettu fuq il-windscreen. Ghalhekk, naqqas il-velocita u kwazi waqaf mis-sewqan meta f'daqqa wahda ra mara quddiemu. Hareg u taha l-ghajnuna.

Konsiderati dawn il-fatti, il-Qorti tqis li dan kien incident sfortunat u inevitabbli, ghalkemm l-imputat ghamel l-unika haga li xufier prudenti seta' jaghmel biex jevita sinistru, u cioe li jnaqqas il-velocita tieghu drastikament u jsuq *dead slow*. Fil-fatt fil-versjoni li Gemma Darmanin tat lil PS1495 Joseph Muscat *a tempo vergine*, hija qalet li rat il-vettura tal-imputat gejja ssuq bil-mod hafna. Sfortunatament, il-parte civile kienet qed taqsam it-triq dak il-hin, imma l-imputat ma setghax jaraha, u dan mhux bi htija tieghu. Billi inzertat mara anzjana, ghalkemm il-vettura tatha biss imbuttatura, dan kien bizzejjed biex iwaqqaha.

Konsegwentement, il-Qorti tikkonkludi li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbili li dan kien *"casus"* u incident inevitabbli, u li huwa ma kien hati ta' xejn li setgha b'negligenza anticedenti jew konkomitanti ikkontribwixxa ghal dan l-incident.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-12 ta' Jannar 2015, issib lill-imputat mhux hati ta' l-ebda wiehed minn dawn ir-reati kontemplati f'dawn l-artikoli, u ghalhekk qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**